Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 763/2015/1

**Christian O. Senciuc f'ismu proprju u in nom u in rapprezentanza ta' Malta Yachting Limited (C-65877)**

**Vs**

**HSBC Bank (Malta) plc**

It-Tnejn, 4 ta' Gunju, 2018.

Permezz ta' rikors ipprezentat fit-18 ta' Marzu 2016, il-bank appella mis-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tad-29 ta' Frar 2016, li biha gie ikkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' elf u hames mitt Ewro (€1,500) bl-imghax mid-data tal-istess sentenza, ammont rapprezentanti depozitu li ghamel l-attur fi flus kontanti fil-kont tieghu permezz ta' *deposit machine* tal-istess bank fil-fergha ta' San Gwann fis-26 ta' Mejju 2016 fl-10.13 a.m., liema transazzjoni qatt ma giet processata mill-bank u l-flus baqghu qatt ma gew depozitati fil-kont bankarju tal-istess attur.

Fis-sentenza t-Tribunal qal:

"*Illi mill-assjem tal-provi, irrizulta dan li gej:*

*L-Attur xehed (a fol 19) u stqarr li kellu s-somma ta' €1,500 li hu kien ippercepixxa min-negozju tieghu. Bhas-soltu mar fil-fergha fejn hemm rokna zghira, mela l-inkartament tas-soltu ossia l-busta li fiha jidhlu l-flus, imbaghad pogga l-flus fil-busta u mar quddiem l-ATM sabiex jiddepozita l-flus. Biex jaghmel it-transazzjoni uza' l-HSBC Quikcash card tieghu, pogga l-busta, inghata ricevuta mill-magna (kopja taghha tinsab a fol 2) u telaq. Fi jiem wara ccekkja l-kontijiet tal-kumpannija u sab li l-ammont ma giex kreditat. Kellem lill-ufficcjali tal-bank Konvenut fil-fergha imsemmija u dawn gharrfuh li kienu se jinvestigaw. Wara li ghal gimgha shiha ma sema' xejn mill-bank, rega' rrikorra ghandhom u qalulu li kienu ghadhom qeghdin jinvestigaw u li kellu jistenna l-ezitu tal-investigazzjoni. Jghid li ma tawhx sodisfazzjon dwar l-investigazzjoni u lanqas ma jaf jekk din inghalqitx jew le. Jghid li rcieva taghrif konklussiv wara li kiteb permezz tal-avukat (kopja tal-ittra tinsab a fol 22). Jghid li wara gimgha mill-akkadut mar anke jaghmel rapport mal-Pulizija (kopja taghha tinsab a fol 3). Wara dan ir-rapport kienet baghtet ghalih Rita Farrugia mill-Ufficju Ewlieni tal-Bank Konvenut u avzatu li kienu ghaddejjin*

*bl-investigazzjonijiet ghad li kien jidher li l-busta tieghu ma kienetx instabet. Hu staqsa ghall-footage tas-CCTV izda gharrfuh li anke dan kien inkonklussiv. Ix-xhud ipprezenta wkoll risposta li l-Bank Konvenut baghat lill-avukat tal-Attur (a fol 23) kif ukoll ricevuta iffirmata minn certu James F. Doyle (a fol 24) fejn dan jghid li minn somma ta' disat elef euro (€9,000) rapprezentanti prezz ta' yacht hu rcieva sebat elef u hames mitt euro (€7,500), bil-bilanc ikun is-senserija li thallset lil Malta Yachting Limited. Meta xehed in kontro-ezami, l-Attur spejga x'kien gara dak in-nhar tad-depozitu.*

*Elaine Bonnici Bongailas xehdet (a fol 29) li hija l-Manager tal-Fergha tal-bank Konvenut f'San Gwann u li l-Attur kien ghamel ilment dwar depozitu li ma rrizultalux fil-kont. Hi qalet li giet mgharrfa bl-ezitu negattiv tal-investigazzjonijiet u stqarret li l-magna tirrilaxxja ricevuta ghal kull haga li titpogga fiha, imqar "paper clip". Tghid li mhijiex f'qaghda li tixhed dwar jek hemmx cameras jippuntaw ghal fuq din il-magna. Hija stqarret ukoll li l-ammont indikat fuq l-ircevuta li tinghata mill-magna jkun imdahhal mill-klijent.*

*Charles Galea xehed (a fol 31) li hu Manager fit-Taqsima Commercial Banking fil-Business Centre ta' Hal-Qormi. Jghid li ltaqa' mal-Attur wara li dan ilmenta. Hu kkonferma li l-magna tirrilaxxja ricevuta ghal kull haga li titpogga fiha, imqar "paper clip". Mistoqsi ghalfejn wara li harget l-ircevuta mill-magna izda l-busta ma nstabitx fil-magna, ma kellmux lill-klijent, Attur odjern, jghid li mhuwiex f'qaghda li jwiegeb.*

*Rita Farrugia xehdet (a fol 37) li kienet hi li nvestigat l-ilment tal-Attur. Tghid li hi rat il-footage tas-CCTV li kienu installati fil-lobby tal-Fergha tal-Bank Konvenut f'San Gwann.*

*Tghid li l-uniku camera li hemm fiz-zona hija wahda li turi lill-klijenti minn wara. Spjegat li analizzaw il-busti li nstabu u ma nstabet l-ebda wahda li kienet tirreferi ghal kontijiet tal-Attur. Ix-xhud ikkonfermat ukoll li l-magna tirrilaxxja ricevuta ghal kull haga li titpogga fiha, imqar "paper clip" u spjegat li l-ammont li jigi indikat mid-depozitant huwa soggett ghal verifika min-naha tal-bank. Tghid li l-magna titbattal ta' kuljum. Tghid ukoll li l-magna tiggenera lista ta' transazzjonijiet. Mistoqsija x'rikonciljazzjoni ssir tghid li huma jiccekkjaw l-ammont li jkun hemm fuq il-busta mal-ammont li jkun hemm fiha. Ma ssirx rikonciljazzjoni bejn il-busti u l-lista generata mill-magna. Qalet li dak in-nhar tal-akkadut instabu aktar busti milli nghataw ircevuti. Tghid li meta titbattal il-magna minn terzi, l-ixkora li tkun qed tilqa' d-depoziti tigi ssiggilata b'mod awtomatiku biex imbaghad tinfetah fl-ufficcju ewlieni u jigu maghduda l-busti. In kontro-ezami, Farrugia stqarret li meta titbattal il-magna jittiehdu sija l-ixkora kif ukoll il-lista li l-magna tiggenera. Hija pprezentat ukoll zewg dokumenti, wiehed li juri l-ammont ta' busti li nstabu u l-iehor il-lista tal-busti li kellhom kontanti.*

*It-Tribunal kellu l-okkazjoni wkoll jara (fil-prezenza tal-partijiet u d-difensuri) l-footage li gie prezentat.*

*… … … omissis … … …*

*Naturalment, il-valutazzjoni tal-provi tmiss lill-gudikant li ghandu d-diskrezzjoni li japprezza r-rizultanzi probatorji u li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli.*

*Fil-kaz odjern madankollu, wiehed irid iqis li l-proceduri odjerni qeghdin jittiehdu quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar u ghalhekk huma regolati, principalment, bid-dispozizzjonijiet tal-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380). Skond id-dispozizzjonijiet tal-imsemmi Att, fil-waqt li t-Tribunal huwa marbut bid-dettami tal-gustizzja naturali, "għandu jitgħarraf b'kull mod li jista' jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-aħjar prova jew dwar xiehda fuq kliem ħaddieħor jekk ikun sodisfatt li x-xiehda li jkollu quddiemu tkun biżżejjed veritiera li biha jista' jasal biex jaqtal-każ li jkun qed jittratta."[1] Fuq kollox, it-Tribunal huwa kostrett li jiddeciedi t-talbiet li jkollu quddiemu skond l-ekwita'.[2]*

---

[1] Art. 9(2)(b) tal-Kap. 380.

[2] Art. 7(1) tal-Kap. 380.

*Illi fil-kaz odjern, it-Tribunal ma jistax ma jqisx dak li stqarr l-Attur (li jidher li jiggestixxi negozju f'Malta) kif ukoll l-agir tieghu meta rinfaccjat bic-cirkostanza li minnha qieghed jilmenta. Kif deher mill-footage, jirrizulta li l-Attur kien proprju fiz-zona tal-fergha tal-bank ta' San Gwann fejn hemm il-magni fil-hin tal-incident. Dan gie anke korraborat mill-fatt li nharget ricevuta mill-magna. Inoltre, minbarra l-fatt li hu ilmenta mal-Bank, l-Attur mar pass oltre u ghamel rapport mal-Pulizija fil-waqt li ressaq l-odjerna kawza u ta x-xhieda tieghu bil-gurament.*

*Mill-banda 'l ohra, il-Bank qieghed jichad li nstabet il-busta li l-Attur qieghed jghid li ddepozita fil-waqt li qed jigi allegat li l-magna taghti rcevuta anke jekk titqieghed "paper clip" fiha. Li hu zgur hu li ghad li nharget din l-ircevuta, il-Bank jidher li ma nvestigax in-nuqqas tal-busta sakemm sar l-ilment da parti tal-Attur. Huwa krucjali wkoll li jigi sottolineat il-fatt li fil-waqt li l-ATM's ghandhom cameras zghar fihom, id-deposit machines m'ghandhomx. Dan certament li mhuwiex l-ideali. M'hemmx dubju li jmiss lill-Bank Konvenut li jara li l-magni minnu mqeghda ghad-disposizzjoni tal-klijenti jkunu siguri. Ghat-Tribunal m'ghandux ikun hemm livell ta' sigurta' anqas ghal deposit machine milli jkun hemm ghal ATM.*

*Illi fil-fehma tat-Tribunal, il-Bank wera nuqqas meta ma agixxiex wara li ghad li nharget l-ircevuta tad-depozitu, il-busta ma nstabitx u ttiehdu passi biss wara li lmenta l-Attur. Inoltre, huwa car li r-riskju ghal min jaghmel ilment bhal dak odjern li jkun falz huwa kbir aktar u aktar meta jkun sar rapport mal-Pulizija u tkun ittiehdet ix-xhieda bil-gurament. M'huwiex verosimili li bniedem li jkun fin-negozju jidhol f'bahar inkwiet, ilmenti, rapport u kawzi biex javvanza €1,500.*

*Tenut kont tal-fatti kollha tal-kaz, it-Tribunal ma jistax ma jaghtix piz lil dak li qieghed jallega l-Attur. Dan qed jighad anke in vista tal-fatt li jidher li hemm nuqqasijiet fil-process relattat mal-amministrazzjoni tad-depoziti li jsiru b'mezzi awtomatici.*

*Fic-cirkostanzi, it-Tribunal se jilqa' t-talba attrici prevja li jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-Bank Konvenut."*

L-aggravji tal-appellanti huma:-

i. It-Tribunal messu applika t-termini fuq ir-ricevuta rilaxxata mid-*deposit machine*, li tghid illi "*The amount paid in is subject to checking by the bank*";
ii. It-Tribunal ma mexiex fuq ir-regola tal-oneru tal-prova fil-kamp civili ghaliex skont l-appellanti x-xhieda tat-tliet impjegati tal-Bank dwar il-procedura adoperata mill-istess Bank f'kaz ta' depoziti, kellu jinghata piz iktar mid-dikjarazzjoni unilaterali ta' individwu;
iii. It-Tribunal ghamel apprezzament hazin tal-provi.

L-attur wiegeb b'risposta pprezentata fit-22 ta' Novembru 2017 u b'mod preliminari ssolleva n-nullita` tal-appell minhabba li d-dritt ta' appell generali huwa rizervat

espressament ghal dawk il-kawzi fejn il-valur tat-talba **jaqbez** l-ammont ta' €1,500[3], u a tenur tal-Artikolu 8(3) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta. Skont l-attur, billi l-ammont in kontestazzjoni f'din il-kawza ma jaqbizx is-somma ta' €1,500, l-appell seta' jsir biss fil-kazijiet kontemplati fl-artikolu 8(2) tal-Att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380):-

(a) Fuq kull haga li jkollha x'taqsam mal-gurisdizzjoni tat-Tribunal;

(b) Fuq kull kwistjoni ta' preskrizzjoni;

(c) Fuq kull nuqqas ta' tharis tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 7(2);

(d) Meta t-Tribunal ikun b'mod gravi mar kontra d-dettami tal-imparzjalita u tal-ekwita skont il-ligi u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta' min jappella.

Fl-udjenza tal-10 ta' April 2018 il-Qorti semghet it-trattazzjoni tal-appell u tat lis-socjeta` appellanti zmien biex tipprezeta nota ta' sottomissjonijiet b'referenza ghall-eccezzjoni preliminari tal-attur dwar in-nullita` tal-appell.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet li pprezenta l-bank fl-24 ta' April 2018, fejn argumenta li ghalkemm mhux espressament indikat fir-rikors tal-appell, il-Bank appellant qieghed isejjes l-appell tieghu fuq id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 8(2)(d) tal-Kap. 380. Dan ghaliex l-aggravji ma jittrattawx biss l-evalwazzjoni ta' fatti izda wkoll il-principji ta' evidenza u ekwita` kif ukoll il-principju ta' *pacta sunt servanda*, li lkoll gew skartati mit-Tribunal fis-sentenza appellata. Jissokta jghid illi fejn jirrizulta nuqqas palezi ta' gustizzja u ekwita` fid-decizjoni tat-Tribunal, dan isarraf f'punt ta' ligi li ghandu jigi mistharreg mill-Qorti.

Rat ukoll it-twegiba tal-attur.

**Konsiderazzjoni.**

[3] L-ammont zdied ghal €1,500 bl-emendi li gew fis-sehh f'Jannar 2016, bis-sahha tal-Att IV tal-2016, regolament 27.

L-ammont in kwistjoni hu €1,500. Ghalhekk appell jista' jsir biss fil-kazijiet kontemplati fl-artikolu 8(2) tal-Kap. 380.

L-aggravji kollha tal-appellant ma jsarrfu f'xejn hlief kritika tal-apprezzament li ghamel it-Tribunal ghal dawk li huma fatti. L-ebda wiehed mill-paragrafi tas-subinciz (2) tal-Artikolu 8 mhu jikkontempla jedd ta' appell fuq punt ta' fatt. Hu konfermat mill-gurisprudenza[4] illi:-

*"... huwa mportanti illi d-disposizzjonijiet ta' l-Att V ta' l-1995 li jillimitaw id-dritt ta' appell ma jigux estizi indebitament kontra l-volonta` tal-legislatur. Ghalhekk isegwi li l-kompitu ta' din il-Qorti ghandu jkun ristrett ghall-ezami akkurat tas-sustanza ta' l-appell biex jigi konsiderat l-ewwel u qabel kollox jekk l-istess appell jinkwadrax ruhu fil-parametri ta' appellabilita` prevista mil-ligi, ghaliex jekk ma jinkwadrax ruhu f'dawk il-parametri allura d-dover ta' din il-Qorti huwa li jiddikjara l-istess appell bhala irritu u null".*

Il-qorti hi konvinta li l-appell tal-bank mhuwiex dwar ilment li jissemma fl-artikolu 8(2)(d) tal-Kap. 380.

Huwa evidenti li x-xhieda u l-provi f'din il-kawza instemghu u gew ammessi skond kif titlob il-ligi, u jirrizulta li t-Tribunal wasal ghal decizjoni motivata, ibbazata fuq konsiderazzjonijiet fattwali li rrizultaw mill-provi. Il-qorti tqis li t-Tribunal, wara li ra l-filmat ezebit mill-Bank, li juri lill-attur jaghmel transazzjoni mad-*deposit machine*, ra r-ricevuta tad-depozitu rilaxxata mill-magna u sema' lill-attur jixhed bil-gurament, kien sodisfatt li l-attur ipprova l-kaz tieghu. F'dan kollu t-Tribunal m'ghamel xejn li jmur kontra dak li jsemmi l-artikolu 8(2)(d) tal-Kap. 380, irrispettivament taqbilx jew le mal-konkluzjoni li wasal ghaliha.

Hu minnu li r-ricevuta li l-attur gabar mid-*deposit machine* tghid, *"The amount paid in is subject to checking by the bank"*. Dan hu ovvju irrispettivament ta' x'tghid ir-ricevuta. Pero' dik id-dikjarazzjoni ma tfissirx li l-attur m'ghamilx depozitu. Il-qorti ma tara l-ebda punt ta' ligi f'dak ir-rigward. Kien jispetta lit-Tribunal li jiddeciedi kinitx kredibbli l-verzjoni tal-attur.

---

[4] **John Attard vs Charles Agius**, Appell, 14 ta' Gunju 2001.

Fis-sentenza **Agius vs Debattista**, din il-qorti qalet:

*"Issa, jekk l-attur appellant ma jaqbilx ma' tali evalwazzjoni – li bil-ligi tikkomprendi wkoll certa latitudini usa minn dak normali fil-qrati ordinarji tal-pajjiz ghax tammetti wkoll konsiderazzjonijiet fuq bazi ta' ekwita' – ma jfissirx li allura jissussisti dak il-pregudizzju komminat fl-Att V ta' l-1995."*[5]

Bl-appell li ppropona l-bank irid li din il-qorti terga' tqies mill-gdid il-provi u tasal ghall-konkluzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha t-Tribunal, cjoe' li l-verzjoni li taw l-ufficjali tal-bank hi iktar kredibbli minn dak li ta l-attur. Ezercizzju li m'ghandux isir meta tqies li t-Tribunal ikkunsidra l-provi u wasal ghal konkluzjoni tieghu.

It-Tribunal qies li:

i. Fis-26 ta' Mejju, 2015 l-attur mar fil-fergha tal-HSBC Bank Malta plc.
ii. Fil-filmat li gie pprezentat, l-attur jidher qieghed ma' gemb id-deposit machine, ma' mejda jikteb u wara jmur fuq il-magna.
iii. L-attur ghandu ricevuta li dakinhar ghamel depozitu.
iv. Fil-5 ta' Gunju, 2015 l-attur ghamel rapport lill-pulizija. It-Tribunal irraguna li min ikun qieghed jipprova jqarraq ma jmurx jaghmel rapport fuq somma ta' €1,500.
v. Fl-ebda waqt il-bank m'ghamel kuntatt minn jeddu mal-attur biex jinfurmah li ma kienx jirrizulta li dakinhar iddepozita s-somma ta' €1,500. Kien biss wara l-ilment tal-attur li l-bank investiga l-kaz.

It-Tribunal aghzel li jemmen il-verzjoni tal-attur, kif wara kollox kellu dritt. L-attur xehed *viva voce* quddiem it-Tribunal, li kien fl-ahjar posizzjoni li jiddeciedi jekk kienx kredibbli f'dak li qal. Ighid x'ighid il-konvenut, ma jistax jinghad li dan kien kaz fejn bilfors it-Tribunal kellu jasal ghal konkluzjoni li l-attur m'ghamilx depozitu.

Il-qorti tosserva wkoll li s-sentenza li l-appellant ghamel riferenza ghaliha f'paragrafu 4 tan-nota ta' sottomissjonijiet, kienet appell minn sentenza tat-Tribunal tal-

[5] 18 ta' Jannar 2002.

Konsumatur. Skont l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, jedd ta' appell hu moghti f'kull kaz meta t-Tribunal, *"ikun mar kontra l-principji tal-gustizzja naturali"* (artikolu 22(2) tal-Kap. 378). Disposizzjoni li hi differenti minn dak kontemplat fl-artikolu 8(2)(d) tal-Kap. 380. F'kull kaz it-Tribunal qies il-provi. Il-qorti lanqas ma tqies li certu inezattezzi fid-deposizzjoni tal-attur, li ghalihom irrefera l-konvenut, kienu daqstant gravi li t-Tribunal kellu jasal ghall-konkluzjoni wahda, li l-attur ma kellux ragun u li dan il-kaz ma kien xejn ghajr montatura.  Dan apparti li l-verzjoni tal-bank hi kollha bazata fuq dak li xehedet Rita Farrugia, li nvestigat il-kaz min-naha tal-bank. Il-persuni direttament involuti fil-gbir tal-flus mid-deposit machine u meta nfethet l-ixkora u saret rikonciljazzjoni, ma xehedux. Hu fatt li t-Tribunal jista' jibbaza d-decizjoni fuq xiehda fuq kliem haddiehor, madankollu hu evidenti li f'dan il-kaz it-Tribunal qies li kien hemm bizzejjed provi biex iwassluh biex jaghti ragun lill-attur.

**Ghal dawn il-motivi, tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.